IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.7.2019
COM(2019) 326 final

2019/0149 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat Konġunt għall-Agrikoltura mwaqqaf bil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar Kummerċ fi Prodotti Agrikoli, fir-rigward tal-emenda tal-Annessi 1 u 2 tal-istess Ftehim

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat Konġunt għall-Agrikoltura mwaqqaf bil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar Kummerċ fi Prodotti Agrikoli, fir-rigward tal-emenda tal-Annessi 1 u 2 tal-istess Ftehim.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar kummerċ fi prodotti agrikoli, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2002 (ĠU L 114, 30.4.2002, p. 132).

2.2. Il-Kumitat Konġunt għall-Agrikoltura

Skont l-Artikolu 6 tal-Ftehim, il-Kumitat huwa responsabbli għall-amministrazzjoni tal-Ftehim u għandu jiżgura l-funzjonament tajjeb tiegħu. Skont l-Artikolu 11 tal-Ftehim, il-Kumitat jista' jiddeċiedi li jemenda l-Annessi tal-Ftehim.

2.3. Att previst mill-Kumitat Konġunt għall-Agrikoltura

L-għan tal-att previst huwa li jemenda l-Annessi 1 u 2 tal-Ftehim rigward il-konċessjonijiet agrikoli mogħtija miż-żewġ partijiet għall-Ftehim.

3. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

L-att previst għandu l-għan (i) li jaġġorna l-kodiċijiet numeriċi tal-Ftehim wara l-aħħar reviżjoni tan-Nomenklatura Magħquda, (ii) li jikkoreġi żball li sar fl-aħħar adattament tal-Anness 1 rigward il-konċessjoni tariffarja għall-ġarretti mingħajr għadma, u (iii) li jintegra fl-Anness 1 tal-Ftehim il-konċessjonijiet tariffarji mogħtija mill-Iżvizzera fl-1996 għall-ikel tal-klieb u tal-qtates maħsubin għall-bejgħ.

L-att jimmira li jikkonsolida ċerti konċessjonijiet eżistenti iżda attwalment mhux espliċiti fil-Ftehim, kif ukoll li jikkoreġi xi żbalji fit-test tal-Ftehim. Għaldaqstant, dan huwa att li ta' min isir.

It-test tad-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt tfassal b'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet Żvizzeri.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jistipula deċiżjonijiet li jistabbilixxu "*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim*".

Il-kunċett ta' "*atti li jkollhom effetti legali*" iħaddan l-atti li jkollhom effetti legali skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregola s-sede kkonċernata. Jinkludi wkoll l-istrumenti li ma

jkollhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li "*jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni*"[1].

4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

Il-Kumitat Konġunt għall-Agrikoltura huwa sede mwaqqfa bi ftehim, f'dal-każ bil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar kummerċ fi prodotti agrikoli.

L-att li l-Kumitat Konġunt għall-Agrikoltura huwa mitlub li jadotta huwa att b'effetti legali. L-att previst ikun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, skont l-Artikolu 16 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar kummerċ fi prodotti agrikoli.

L-att previst la jikkompleta u lanqas ma jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi qabelxejn mill-għan u mill-kontenut tal-att previst, li għalih tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tkun ibbażata fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

L-għan u l-kontenut tal-att previst jikkonċernaw prinċipalment l-agrikoltura u l-politika kummerċjali komuni.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika sostantiva għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 207(4) tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta għandha tkun l-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9), tat-TFUE.

5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Billi l-att tal-Kumitat Konġunt għall-Agrikoltura se jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar kummerċ fi prodotti agrikoli, jixraq li jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, bħala dokument anness mad-Deċiżjoni tal-Kunsill.

[1] Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill (OIV), C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

2019/0149 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat Konġunt għall-Agrikoltura mwaqqaf bil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar Kummerċ fi Prodotti Agrikoli, fir-rigward tal-emenda tal-Annessi 1 u 2 tal-istess Ftehim

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207 tiegħu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar Kummerċ fi Prodotti Agrikoli (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2002.

(2) L-Artikolu 6 tal-Ftehim iwaqqaf Kumitat Konġunt għall-Agrikoltura (minn hawn 'il quddiem "il-Kumitat"), li huwa responsabbli għall-amministrazzjoni tal-Ftehim u jiżgura l-funzjonament tajjeb tiegħu.

(3) Skont l-Artikolu 11 tal-Ftehim, il-Kumitat jista' jiddeċiedi li jemenda l-Annessi tal-Ftehim.

(4) Il-Kumitat għandu jadotta deċiżjoni sabiex jemenda l-Anness 1 u 2 tal-Ftehim, sabiex jaġġorna l-kodiċijiet numeriċi tal-Ftehim wara l-aħħar reviżjoni tan-Nomenklatura Magħquda, sabiex jikkoreġi żball li sar fl-aħħar adattament tal-Anness 1 rigward il-konċessjoni tariffarja għall-ġarretti mingħajr għadma, kif ukoll sabiex jintegra fl-Anness 1 tal-Ftehim il-konċessjonijiet tariffarji mogħtija mill-Iżvizzera fl-1996 għall-ikel tal-klieb u tal-qtates maħsubin għall-bejgħ.

(5) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni, fi ħdan il-Kumitat, billi d-deċiżjoni prevista hija vinkolanti għall-Unjoni,

ADOTTA D-DEĊIŻJONI LI ĠEJJA:

L-Ewwel Artikolu

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat Konġunt għall-Agrikoltura mwaqqaf bl-Artikolu 6 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar Kummerċ fi Prodotti Agrikoli, tibbaża fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt għall-Agrikoltura mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Ladarba tiġi adottata, id-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt għall-Agrikoltura għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President